MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 856/2009

Group 4 Securitas Malta Limited (C9860).

Vs

Marvin Mckay li jezercita l-kummerc taht l-isem Al Mare Restaurant.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tmien mija, sitta u erbghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€846.31) minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc dovut minnu ghal servizz ta' sigurta' fil-forma ta' 'Alarm Monitoring Services' u 'Immediate Response Services' provduti lilu fil-fond Al Mare Restaurant, fi Triq tal-Lanca, Marsamxett Harbour, Valletta, fil-perjodu ta' bejn Jannar tas-sena 2007 u Dicembru 2008, liema servizz baqa ma thallasx. Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi biex ihallas, izda

baqa inadempjenti. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tal-4 ta' Novembru 2009 fejn deher il-konvenut u ammetta t-talbiet attrici kif dedotti kontra tieghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija, sitta u erbghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€846.31), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------